MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 982/2007

**Il-PL Madeleine Firman bhala mandatarja specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta' estera Intrigue Shipping Inc u tas-socjeta' estera Novoship S.A.**

**vs**

**(1) Keith Micallef gja stralcarju tas-socjeta' maltija Yuryev Shipping Limited (C-15991) u**

**(2) Registratur tas-Socjetajiet**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrenti nomine fejn gie premess:-

1. Illi s-socjeta' Yuryev Shipping Limited hija socjeta' formalment imwaqqfa f' Malta fl-ghaxra (10) ta' Marzu, 1994;

2. Illi fil-hmistax (15) ta' April sena elfejn u hamsa (2005) l-imsemmija socjeta' giet *struck off* ossija kancellata mir-Registru tas-socjetajiet maltin (*vide* c-certifikat ta' *striking off* hawn anness u immarkat Dokument A) u dan wara li tlesta l-process ta' stralc *(liquidation)* kif solitu jsir skond il-Ligi. L-istralc kien jinkludi *inter alia* progett ta' tqassim (*scheme of dristribution*) ta' l-assi rispettivi ta' socjeta' Ilchenko Shipping Limited li kien approvat mill-azzjonisti kollha taghha (*vide* dokumenti B1-B7);

3. Illi s-socjetajiet rikorrenti Intrigue Shipping Inc u Novoship S.A. huma l-unici azzjonisti ossija x-*shareholders* fl-imsemmija socjeta' Yuryev Shipping Limited (Dok C) u huma irrapprezentati f'dawn il-proceduri mill-mandatarju specjali taghhom il-P.L. Madeleine Firman (Dok D1 u D2);

4. Illi wara li l-imsemmija socjeta' Yuryev Shipping Limited kienet diga effettivament kancellata (*struck off*) mir-Registru tas-Socjetajiet, gie a konjizzjoni ta' l-azzjonisti taghha (u cioe' tas-socjetajiet rikorrenti Intrigue Shipping Inc u Novoship S.A) il-fatt li, fi zmien meta is-socjeta' Yuryev Shipping Limited kienet ghadha attiva tezercita l-kummerc, kien gie kommess minn terzi atti ta' qerq, misapproprijazzjoni u hwejjeg ohra illeciti, b'dannu sostanzjali ghaliha. Tali atti kriminali gew kommessi mhux biss fil-konfront tas-socjeta' Yuryev Shipping Limited izda wkoll kontra diversi socjetajiet ohra maltin u anke barranin illi kollha jifformaw parti mill-istess *group of companies* fejn l-istat russu (*the Russian Federation*) huwa finalment il-proprjetarju ewlieni;

5. Illi, infatti, fid-dsatax (19) ta' April, 2007, diversi mis-socjetajiet li jifformaw parti mill-imsemmi *group of companies* u li sfaw vitmi ta' l-imsemmija atti illiciti, intavolaw proceduri gudizzjarji quddiem il-*High Court of Justice, Queen's Bench Division,* Londra, kontra diversi konvenuti sabiex dik il-Qorti ssib dawk l-istess konvenuti

risponsabbli ghad-danni u tikkundannhom ihallsu dawk id-danni hekk kif likwidati minnha (Dok E). F'dawn il-proceduri l-agir kriminali hawn fuq imsemini huwa spjegat f izjed dettal;

6. Illi, naturalment, peress illi meta gew intavolati l-imsemmija proceduri gudizzjarji s-socjeta' *Yuryev Shipping Limited* kienet diga' kancellata mir-registru tas-socjetajlet f'Malta, l-istess socjeta' Yuryev *Shipping Limited ma* setatx tagixxi bhala attrici flimkien ma' l-atturi l-ohra f' dawk il-proceduri gudizzjarji institwiti Londra, (imsemmija hawn fuq) sabiex jigi irkuprat id-danni sofferti a kawza tal-qerq kommess u lanqas ma setghu jagixxu l-azzjonisti tas-socjeta' *Yuryev Shipping Limited* stante li d-dritt litigus spettanti lis-socjeta' *Yuryev Shipping Limited* ma kienx gie assenjat lilhom qabel ma giet xolta l-istess socjeta' *Yuryev Shipping Limited mir-Registru* tas-socjetajiet (Dok F);

7. Illi d-dritt litiguz spettanti lis-socjeta' Yuryev *Shipping Limited* ma kienx gie assenjat lill-azzjonisti rikorrenti billi matul il-process ta' stalc tas-socjeta' *Yuryev Shipping Limited* l-imsemmi dritt litigus <u>ma kienx gie inkluz fil-progett ta' tqassim (skema ta' distribuzzjoni)</u>. Dan sehh billi matul l-istralc ma kienx ghadu maghruf lill-azzjonisti u lid-diretturi tas-socjeta' *Yuryev Shipping Limited* li kienu gew kommessi l-atti illeciti hawn fuq deskritti. Wisq anqas kien maghruf lil l-istralcjarju b' konsegwenza, allura, li meta giet approvata l-iskema ta' tqassim, id-dritt litiguz appartenenti lis-socjeta' Yuryev Shipping Limited ma giex inkluz fid-distribuzzjoni ta' l-assi tas-socjeta' Yuryev Shipping Limited lill-azzjonisti taghha (Dok F);

8 Illi l-artikolu 300A tal-Kapitolu 386 (Att Dwar il-Kumpanniji) tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li -

Meta fil-kors ta' l-istralc ta' kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tardna r-rettifika ta' l-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta

jidhrilha xieraq, tordna dik irrettifika taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidrilha xierqa;

9 Illi r-rikorrenti azzjonisti kollha tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited jaqblu li ghandha tigi rettifikata l-iskema ta’ distribuzzjoni sabiex tali dritt litiguz originarjament spettanti lis-socjeta’ Yuryev Shipping Limited, jigi assenjat lilhom sabiex huma jkunu jistghu jippartecipaw fil-proceduri gudizzjarji appoziti kontra dawk il-kumpaniji u l-individwi li ikkommettew frodi kontra l-interessi tas-soejeta’ Yuryev Shipping Limited elenkati fil-proceduri gudizzjarji quddiem *il-High Court of Justice,* ingliza (Dok E);

10. Illi d-dritt litiguz ghandu valur ta’ US$187,250 kif indikat *fl-affidavit* anness ma’ dan ir-rikors (Dok F) *oltre* l-imghax skond il-ligi;

Ghalhekk ir-rikorrenti nomine qed titlob li:

Tigi awtorizzata l-emenda ossija r-rettifika *(rectification)* ta’ l-iskema ta’ distribuzzjom li saret fl-istralc tas-socjeta’ *Yuryev Shipping Limited* fis-sens li l-assi li ghandu valur kif hawn fuq deskritt konsistenti mid-dritt litiguz appartenenti lis-socjeta’ Yuryev Shipping Limited u li thalla barra mill-istess skema ta’ distribuzzjoni jigi assenjat f’ishma ugwali lis-socjetajiet azzjonisti ta’ l-istess socjeta’ Yuryev Shipping Limited u cioe’ lis-socjeta’ estera Intrigue Shipping Inc u s-socjeta’ estera Novoship SA;

Jigi ordnat lill-istralcarju tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited (l-intimat Keith Micallef) ihejji skema ta’ distribuzzjoni irrettifikata skond id-domanda precedenti u jiehu dawk il-passi opportuni u necessarji f’dan ir-rigward;

Tigi awtorizzata l-approvazzjoni tar-rizoluzzjoni gdida ta’ l-azzjonisti tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited fejn tigi approvata skema ta’ distribuzzjoni rettifikata skond id-domanda precedenti u jigi assenjat l-imsemmi dritt litiguz lill-istess azzjonisti rikorrenti (hawn annessa u markata bhala Dokument G);

Jigi ordnat lill-istess stracarju Keith Micallef jipprezenta lill-Registratur tas-socjetajiet l-iskema ta' distribuzzjoni kif rettifikata flimkien ma' r-rezoluzzjoni imsemmija fid-domanda precedenti;

Jigi ordnat li l-intimat Registratur tas-Socjetajiet jaccetta l-iskema ta' distribuzzjoni kif rettifikata flimkien mar-rizoluzzjoni imsemmija fid-domanda precedenti u li l-istess Registratur tas-Socjetajiet jig awtorizzat li jiehu kwalunkwe passi mehtiega skond il-ligi;

Rat in-nota tal-intimat Keith Micallef gia stralcarju tas-socjeta Yuryev Shipping Limited;

Rat ir-risposta tal-intimat Registratur tas-Socjetajiet fejn gie sottomess:-

Illi in kwantu ghall-meriti fattwali tal-kawza, peress Ii l-esponent m'huwiex edott mil-fatti kollha dikjarati mir-rikorrent, huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti u ghall-provi;

Illi in kwantu ghat-talbiet maghmula mir-rikorrent dawn huma infondati fid-dritt peress li s-socjeta' kummercjali Yuryev Shipping Limited (C 15991) giet xjolta ("dissolved") fis-17 ta' Novembru 2003 u giet kancellata ("struck off") mir-Registru tas-Socjetajiet fil-15 t'April 2005 taht il-provvedimenti ta' l-Ordinanza Dwar is-Socjetajiet Kumercjali. Illi fil-fatt din is-socjeta hija regolata mill-Ordinanza Dwar Socjetajiet Kummercjali u mhux mill-Att Dwar il-Kumpanniji 1995 (Kap. 386). Illi ma hemm l-ebda provvediment fl-istess Ordinanza li jipprovdi ghar-revoka tal-proceduri li taw lok ghal-kancellament tas-socjeta jew li jippermetti li l-imsemmija socjeta' kummercjali tista' terga' tigi ravvivata wara li kienet kancellata minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet. L-artikolu 300B taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995 japplika biss ghal-kumpanniji registrati taht l-istess Att;.

Illi fl-14 ta' Novembru 2005 il-membri ta' din is-socjeta kienu diga prezentaw rikors quddiem dina l-Qorti diversament preseduta (Imhallef Tonio Mallia) fl-ismijiet

Dr. Cassar Pullicino nomine vs Registratur tas-Socjetajiet et (1083/2005 TM) sabiex l-isem tal-kumpannija jerga jitqieghed fuq ir-Registru f'stat ta' stralc. Dan sabiex il-kumpannija tkun tista tidher f'proceduri quddiem arbitragg Londra u f'kaz ta' rizultat posittiv ta' din il-arbitragg, jerga jinfetah il-progett ta' tqassim sabiex jigi nkluz assi li kienu thalla barra jekk ikun il-kas wara li ghalqu l-proceduri ta' arbitragg;

Illi f'dan il-kaz, il-Qorti akkordat rimedju bhala wiehed eccezzjonali ghal kaz illi kellha quddiemha u ordnat illi l-progett tat-tqassim jerga jinfetah sabiex il-kumpannija tidher fil-proceduri tal-arbitragg gewwa Londra u sabiex jigi inkluz dak il-assi u **ghal ebda skop iehor** u sussegwentement l-isem tas-socjeta jerga jigi mhassar minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet definittivament;

Illi dawn il-proceduri issa gew konkluzi u ghalhekk lis-stralcjarju ipprezenta ddokumentazzjoni finali illi twassal ghat-thassir definittivament ta' l-isem tas-socjeta Yuryev Shipping Limited minn fuq ir-Registru;

Illi fil-frattemp l-membri tas-socjeta Yuryev Shipping Limited fil-kaz odjern qeghdin jergghu jipprezentaw rikors iehor sabiex l-Qorti terga tawtorizza l-istralcjarju ihejji skema ta' distribuzzjoni rattifikata li tinkludi d-dritt litiguz pertinenti lis-socjeta f'kawza ohra quddiem il-Qrati Inglizi u sabiex jipprezenta rizoluzzjoni gdida mehuda mill-azzjonisti tal-istess socjeta' fejn japprovaw l-iskema ta' distribuzzjoni hekk rettifikata;

Illi l-esponent Registratur tas-Socjetajiet qieghed jogezzjona ghat-talbiet maghmula mir-rikorrent. Dan billi fir-rikors tal-14 ta' Novembru 2005 il-Qorti diversament preseduta fid-digriet taghha kienet ghamiltha cara illi r-rimedju illi kienet qieghda takkorda huwa wiehed eccezjonali u li nghata biss fid-dawl tac-cirkostanzi straordinarji tal-kaz. Il-Qorti qalet ukoll illi talli rimedju m'ghandux jitqies bhala wiehed illi jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta' socjetajiet kummercjali jew semplicement meta bit-traskuragni jew b'nuqqas t'attenzjoni ikun thalla xi

assi jew dritt iehor barra kif jidher illi hu fil-kaz odjern. Zgur li ma kienetx l-intenzjoni tal-Qorti illi tipprovdi rimedju sabiex kumpannija tkun tista' tinghalaq u tinfetah kif jidrilha kull darba illi ikun hemm cirkostanzi godda wara li isimha ikun gie ikancellat minn fuq ir-Registru. Dan il-fatt jista jaghti lok ghal-abbuz u jista jinkorragixxi u jippremja t-traskuragni u ghalhekk jista johloq precedent perikoluz hafna. Dan specjalment ghal-fatt illi r-Registru tas-Socjetajiet huwa wiehed pubbliku u illi r-Registratur huwa marbut illi jhares l-interessi ta' terzi persuni;

Illi r-rikorrent semma l-fatt illi l-atti kriminali li allegament gew imwettqa kontra il-kumpanija gew komessi meta din kienet ghada attiva u tezercita l-kummerc, cioe meta kienet ghada fuq ir-Registru tas-Socjetajiet. Ghalhekk il-kumpannija, jew b'mod iktar partikolari d-diretturi taghha, kienu jafu bil-possibilita illi setghu jinfethu proceduri gudizzjarji minhabba dan il-fatt u ghalhekk huma kellhom ikunu iktar attenti sabiex jipprotegu l-interessi taghhom u tal-kumpannija qabel ma ftehmu illi ixxolju u jaghlqu din il-kumpannija;

Illi ghalhekk l-esponent ir-Registratur tas-Socjetajiet qieghed jissottometti bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda;

Rat li r-rikors promotur, b'ordni tal-Qorti, gie ukoll notifikat lill-Avukat Generali, li, ghal kull buon fini, ppresenta risposta fejn gie sottomess:-

Illi preliminarjament l-esponent qieghed jintavola din ir-risposta essenzjalment sabiex jottempera ruhu mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-30 t'Awissu 2007 stante illi ma jidhirx li huwa legittimu kuntradittur f'din l-azzjoni;

Illi inoltre jidher li fil-kaz odjern l-azzjoni mhux preskritta stante li ai termini ta' l-artikolu 300A(3) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji m'ghaddewx aktar minn hames snin mid-data ta'meta l-kumpannija *Yuryev Shipping Limited* giet ikkancellata mir-Registru tal-Kumpanniji;

Illi pero' kwistjonijiet dwar il-hlas ta' kreditu dovut lill-kredituri legittimi minn kumpanniji, li huma entitajiet specjali moghnija bil-jeddijiet ta' persuna legali, iqanqlu konsiderazzjonijiet ta' ordni pubblika u ghalhekk huwa necessarju li d-dispozizzjonijiet tal-ligi, kif imfassla mil-legislatur fi hdan l-Att dwar il-Kumpanniji, jigu mharsa bl-aktar mod strett u assidwu. Ikun biss jekk il-Qorti tikkonkludi li verament se ssir ingustizzja ma' kreditur jekk tagixxi altrimenti li hi ghandha tikkonsidra li tordna r-rettifika ta' l-iskema ta' distribuzzjoni stabbilita precedentement mill-istralcjarju ta' kumpannija;

Illi f'dan l-esponent ihoss li stante l-importanza ta' kwistjonijiet ta' din in-natura, huwa kucjali li jinstab il-bilanc mehtieg sabiex minn naha l-interessi legittimi tal-kredituri jigu mharsa filwaqt li min-naha l-ohra ma jithalliex li jsir abbuz mill-proceduri mfasslin appozitament u li qeghdin hemm proprju biex jittutelaw il-harsien tal-kreditu qabel ma kumpannija tigi kancellata;

Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti salv li jittiehdu in konsiderazzjoni l-osservazzjonjiet hawn fuq maghmula;

Rat in-nota tar-rikorrenti nomine fejn gie sottomess:-

Li b'referenza ghar-risposta tar-Registratur tas-Socjetajiet (19-9-2007), iggib a konnissjoni tal-Qorti li tali risposta sejra tizgwida mill-mertu tar-rikors tar-rikorrenti *nomine* peress li:-

1. Ir-rikorrenti mhijiex qed titlob li s-socjeta' Yuryev Shipping Limited tigi "ravvivata", kif qed jimplika r-Registratur tas-Socjetajiet fir-risposta tieghu (para 1): dak kollu li qed jinghad f'dan ir-rigward mir-Registratur huwa ghalhekk irrilevanti. Ir-rikorrenti *nomine* ma tistax tapprezza ghaliex ir-Registratur qed jallega affarjiet li mhux precizi xejn u tistieden ir-Registratur jerga' jaqra r-rikors odjern;

2. Ir-rikors ta' l-14 ta' Novembru 2005 imsemmi mir-Registratur (1083/2005/TM) fir-risposta tieghu <u>m'ghandu</u>

x'jaqsam xein u huwa indipendenti ghall-kollox mir-rikors odjern. Ir-rikors 1083/2005/TM ghandu talbiet ferm differenti mir-rikors odjern u jittratta kwistjonijiet ghal kollox differenti minn dak fir-rikors odjern. *In ogni caso* tali rikors illum huwa deciz u ezawrit. Kwindi, dak kollu li qed jigi sottomess fil-paragrafi 2 sa 6 huwa veru kaz fejn ir--Registratur *altogether missed the point;*

3. Ir-rimedju li qed jintalab fir-rikors odjern mhuwiex xi rimedju straordinarju, anzi huwa rimedju kontemplat specifikament fil-ligi (art. 300A tal Kap 386) sabiex jinaghtaw mill-Qorti solluzzjonijiet f'cirkustanzi bhal dawn li ghandha quddiemha l-Qorti fir-rikors odjern. M'huwiex minnu dak li qed jinghad mir-Registratur (para 1) fis-sens li l-artikolu 300B ta' l-Art tal-Kumpanniji 1995 (Kap 386) ma japplikax ghar-rikors odjern u dan billi l**-Artikolu 3(3) ta' Avviz Legali 223 tal-2004** Merchant Shipping (Shipning Organisations - Private Companies) Regulations. 2004 (li jirregolaw socjetajiet *shipping* bhal dawn) jipprovdi li l-Kap 386 huwa applikabbli sakemm dawk l-istess Regolamenti ma jghidu xejn: kif inhuma c-cirkustanzi f'dan il-kaz;

4. Dan li qed jinghad mir-Registratur fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar huwa precizament l-oppost - hadd ma kien jaf bl-atti kriminali, hlief wara li s-socjeta' in kwestjoni giet kanctellata mir-Registru. Ghalhekk qeghdha issir l-azzjoni odjerna. Ir-rikorrenti ma tistax tifhem ghaliex ir-Registratur qed jallega traskuragni u abbuz u hwejjeg ohra bhal dawn meta fil-verita' r-rikorrenti huma vitma ta' abbuz kriminali u kull ma huma qed jitolbu huwa kambjament fl-iskema ta' tqassim biex ikun jistghu jaghmlu l-kawza taghhom fl-ingliterra. Jekk il-Qorti taghmel dak li qed jitlob ir-Registratur u tichad it-talbiet odjerni, effettivament tkun qed tippremja dawk li ikkommettew l-azzjonijiet kriminali kontra r-rikorrenti *nomine* u l-kumpaniji taghha ghax ir-rikorrenti ma jkollhom l-ebda rimedju jirkupraw dak illi insteraq lilhom;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimat Registratur tas-Socjetajiet;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tar-rikorrenti nomine;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2008 il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu peress li l-intimat Registratur tas-Socjetajiet iddikjara li li "jista jkun li ghandu xi osservazzjonijiet x'jghamel dwar in-nota responsiva tar-rikorrenti nomine;

Rat li fl-1 ta' Settembru 2008 l-intimat Kummissarju tas-Socjetajiet ppresenta rikors fejn talab li jigi awtorizzat jippresenta nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri. Din it-talba giet michuda ghar-ragunijiet indikati fid-digriet relattiv tat-3 ta' Sttembru 2008 u anke in vista tal-fatt li mill-imsemmi verbal ta' differiment tad-9 ta' Gunju 2008 sal-presentata tal-imsemmi rikors fl-1 ta' Settembru 2008 ghaddew ftit inqas minn tlett xhur, li fl-opinjoni tal-Qorti hu zmien twil wisq anke in vista tal-fatt li l-kawza giet rikjamata sabiex tinghata s-sentenza ghas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2008;

Rat li r-rikorrenti nomine ippresentat nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri fl-4 ta' Settembru 2008 u bid-digriet tad-9 ta' Settembru 2008 gie ordnat l-isfilz ta' din in-nota u dana ghar-ragunijiet indikati fl-istess digriet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li kif gia nghad il-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta intimata Yuryev Shipping Limited kienet giet registrata f'Malta. Sussegwentement l-istess socjeta giet kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet u dan wara li sar il-process tal-istralc skond il-ligi u wara li l-unici zewg azzjonisti tal-istess socjeta approvaw formalmant l-skema ta' tqassim tal-assi. Iz-zewg azzjonisti kienu z-zewg socjetajiet esteri rikorrenti u cioe' Intrigue Shipping Inc u Novoship S.A.;

L-imsemmija socjetajiet rikorrenti jippremettu fir-rikors promotur li wara li l-imsemmija socjeta' Yuryev Shipping Limited kienet giet kancellata mir-Registru, huma saru jafu li meta l-istess socjeta Yuryev Shipping Limited kienet qed topera, terzi kienu kkomettew, fil-konfront taghha u ghalhekk ghad-dannu taghha, atti ta' qerq, misapproprijazzjoni u hwejjeg ohra illeciti. Jippremettu ukoll li diversi socjetajiet ohra, li jiffurmaw parti mill-istess grupp tal-kumpaniji li ghalih tappartjeni s-socjeta' in kwestjoni, minhabba l-imsemmija atti illeciti, li gew kommessi ukoll fil-konfront taghhom, bdew proceduri barra minn Malta. Dawn il-proceduri nbdew meta l-imsemmija socjeta Yuryev kienet gia kancellata mir-registru tas-socjetajiet f'Malta u kwindi l-istess socjeta kienet impeduta milli tagixxi fl-imsemmija proceduri gudizzjarji barra minn Malta. Lanqas ma setghu jagixxu r-rikorrenti bhala azzjonisti tal-istess socjeta' stante li d-dritt litigus spettanti lill-istess socjeta' ma kienx gie assenjat lill-azzjonisti meta giet xjolta s-socjeta. Ir-rikorrenti jkomplu jippremettu li r-raguni ghaliex ma kienx gie assenjat l-imsemmi dritt litigjuz kienet li matul l-istralc ma kienx maghruf mill-istralcarju, mill-azzjonisti u mid-diretturi tas-socjeta' Illchenko, li kienu sehhew l-imsemmija l-atti illeciti ghad-dannu tal-istess socjeta. Ghalhek biex jissoktaw l-imsemmija proceduri barra minn Malta hemm bzonn li jsir tibdil fl-imsemmija skema ta' distibuzzjoni;

F'dan ir-rigward is-socjetajiet rikorrenti jghamlu referenza ghall-artikolu 300A tal-Kapitolu 386 (Att Dwar il-Kumpanniji) tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu, appuntu, jipprovdi li, f'cirkostanzi bhal dawn, kull minn hu interessat jista jitlob li tigi rettifikata l-iskema ta' distribuzzjoni. In effett ir-rikorrenti bhala unici azzjonista jridu li ssir tali rettifika bil-ghan li l-imsemmi dritt litiguz jigi assenjat lilhom;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu, fost talbiet ohra, li tigi awtorizzata l-imsemmija rettifika fl-iskema ta' distribuzzjoni u b'hekk l-istralcarju jghamel skema ta' distribuzzjoni rettifikata u li l-azzjonisti jigu awtorizzati li japprovaw b'rizoluzzjoni l-iskema ta' distribuzzjoni rettifikata u b'hekk l-imsemmi dritt litiguz jigi assenjati fi

porzjonijiet ugwali liz-zewg rikorrenti. Qed jitolbu ukoll li l-istralcarju jigi awtorizzat jipprezenta lill-intimat Registratur tas-Socjetajiet l-imsemmija skema ta' distribuzzjoni rettifikata flimkien mal-imsemmija rizoluzzjoni u li l-istess intimat jigi ordnat li jaccetthom;

L-istralcarju Keith Micallef ghar-rigward tal-imsemmija talbiet irrimetta ruhu ghal gudizzju ta' din il-Qorti;

Il-fatti kif sottomessi mir-rikorrenti fl-imsemmi rikors promotur taghhom ma jidhrux li huma kontestati. Difatti l-intimat Registratur tas-Socjetajiet fir-risposta tieghu, ghar-rigward tal-fatti indikati fl-istess rikors, irrimetta ruhu. L-istess intimat inoltre jissottometti li s-socjeta Yuryev Shipping Limited giet xjolta u kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet taht il-provvedimenti ta' l-Ordinanza Dwar is--Socjetajiet Kumercjali u dan peress li l-istess socjeta hi regolata mill-imsemmija Ordinanza u mhux mill-Att Dwar il-Kumpanniji 1995 (Kap.386), li hu citat mir-rikorrenti. Fl-imsemmija Ordinanza m'hemmx provdut li jigu revokati l-proceduri tal-kancellament tas-socjeta u lanqas ma tippermetti li l-imsemmija socjeta' terga' tigi ravvivata. Ghalhekk, skond l-intimat, l-artikolu 300A kwotat mir-rikorrenti ma japplkax ghal dawn il-proceduri;

Inoltre l-istess intimat jghamel referenza ghall-proceduri ohra presentati xi zmien ilu mir-rikorrenti odjerni (1083/2005 TM) sabiex l-istess socjeta tigi ravvivata sabiex tkun tista tidher f'proceduri ta' arbitragg barra minn Malta. F'dan il-kaz, il-Qorti kompetenti laqghat it-talbiet pero' biss bhala rimedju eccezzjonali u taht certi kondizzjonijiet. Illi l-intimat Registratur tas-Socjetajiet qieghed jogezzjona ghat-talbiet maghmula mir-rikorrent peress li dik il-Qorti, fl-imsemmija proceduri precedenti, kienet irrilevat li r-rimedju li kienet qed tghati ma kellux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc jew semplicement meta bit-traskuragni jew b'nuqqas ta' attenzjoni ikun thalla xi assi jew dritt iehor barra, kif hu l-kaz odjern. In effett skond l-intimat dan il-fatt jista jaghti lok ghal-abbuz u jista jinkorragixxi u jippremja t-traskuragni u ghalhekk jista jinholoq precedent perikoluz

hafna u dan anke in vista tal-fatt li ghandhom jitharsu l-interessi ta’ terzi;

L-intimat ikompli jissottometti li s-socjeta in kwestjoni jew d-diretturi taghha, setghu kienu jafu li kienu saru l-atti illeciti in kwestjoni. Kwindi kellhom ikunu iktar attenti sabiex jipprotegu l-interessi taghhom u tal-kumpannija qabel ma tigi xjolta l-istess kumpanija;

Kif gia indikat, ir-rikors promotur gie notifikat, fuq ordni tal-Qorti, lill-Avukat Generali. L-Avukat Generali mhux imharrek bhala intimat u ghalhekk hu ovvju li hu mhux legittimu kuntradittur u lanqas hemm bzonn li l-Qorti tipprovdi ulterjorment f’dan ir-rigward. Il-Qorti, pero’, tapprezza l-intervent tal-istess Avukat Generali, liema intervent u logiku u ekwilibrat u ghalhekk jghin hafna biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjonijiet taghha;

Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti hi konvinta li genwinament kemm l-istralcarju kif ukoll ir-rikorrenti azzjonisti ma kienux jafu bl-atti illeciti li setghu gew kommessi kontra s-socjeta in kwestjoni. Huma saru jafu biss b’dawn l-atti illeciti wara li giet approvata l-iskema ta’ distribuzzjoni u wara li gie konkluz il-process tal-istralc u ghalhekk wara li l-istess socjeta giet kancellata mir-Registru. Ir-rikorrenti mhux qed jittantaw li jirrimedjaw ghal xi traskuragni jew negligenza kommessa fil-process tal-istralc. Lanqas ma jirrizulta li l-imsemmi dritt litiguz thalla barra mill-iskema ta’ distibuzzjoni minhabba traskuragni jew nuqqas ta’ attenzjoni. Ma jirrizultax li kien hemm xi abbuz u jekk tigi akkolta t-talba tar-rikorrenti mhux ser tigi ppremjata xi traskuragni. Lanqas ma jirrizulta li xi interessi ta’ terzi ser jigu pregudikati;

Il-Qorti hi tal-opinjoni li tista ssir ingustizzja mar-rikorrenti azzjonisti jekk it-talbiet taghhom ma jigux akkolti, peress li l-istess rikorrenti jkunu qed jigu mcahhda mill-possibilta’ li kreditu tas-socjeta, li taghha huma kienu l-unici azzjonisti, jibqa minghajr ma jsir lanqas attentat biex dan il-kreditu jithallas. Jekk jigu akkolti t-talbiet l-interessi legittimi tar-rikorrenti jkunu qed jigu salvagwardati minghajr ma jkunu

qed jigu pregjudikati xi drittijiet ohra li jistghu jkunu kompetenti lill-terzi;

B’referenza ghal xi sottomissjonijiet ohra li ghamel l-intimat Registratur tas-Socjetajiet fir-risposta tieghu, ghandu jinghad li l-proceduri l-ohra li ghalihom ghamel rferenza l-istess intimat (1083/2005/TM) huma ghal kollox irrilevanti ghal finijiet tal-presenti proceduri. Hu minnu li jista jinghad li t-talbiet fiz-zewg proceduri jistghu jigu definiti bhala “simili” pero’ r-ragunijiet li wasslu ghall-istess zewg proceduri huma ghal kollox differenti;

Dwar il-kwestjoni jekk l-artikolu 300A tal Kap 386 huwiex applikabbli ghal dawn il-proceduri jidher li r-regolamenti tal-Avviz Legali 223 dwar Merchant Shipping (Shipning Organisations - Private Companies) jipprovdi li l-imsemmi Kapitolu 386 hu applikabbli ghal socjetajiet bhal dik in kwestjoni, stante li l-istess regolamenti ma jipprovdux dwar sitwazzjonijiet bhal dik in kwestjoni. Fi kwalunkwe kaz, jekk verament l-artikolu rilevanti tal-Kapitolu 386 mhux applikabbli, jigi li l-ligi ma tipprovdix ghal ebda rimedju f’cirkostanzi bhal dawk in kwestjoni u ghalhekk sta ghal-Qorti li tghati rimedju in via straordinarja u jekk il-Qorti jidhrila li hu ragjonevoli li jinghata tali rimedju u li hu gust u oppotun li jsir hekk. Il-Qrati tghana hekk iddecidew u dana f’diversi kazijiet;

In vista tal-premess il-Qorti hi tal-opinjoni li ghandu jinghata rimedju ghas-sitwazzjoni u cirkostanzi specjali kif jemegu mill-fatti ta’ dan il-kaz. Tali rimedju ghandu jigi konsidrat bhala wiehed straordinarju u dan ukoll in vista tal-fatt li fil-kaz specifiku hu ragjonevoli u gust li jigu akkolti t-talbiet tar-rikorrenti. Dan ghandu jsir taht certi kundizzjonijiet, in partikolari li dak li qed jigi rikjest ghandu jigi mwettaq f’terminu perentorju u malli jghaddi dan it-terminu s-socjeta in kwestjoni ghandu tigi kunsidrata bhala stralcjata u kancellata mir-Registru tas-socjetajiet;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa, in via straordinarja, t-talbiet tar-rikorrenti nomine u b’hekk  qed tigi awtorizzata l-emenda

ossija r-rettifika (rectification) ta’ l-iskema ta’ distribuzzjom li saret in konnessjoni mal-istralc tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited fis-sens li l-assi, li ghandhom il-valur kif indikat fir-rikors, konsistenti mid-dritt litiguz appartenenti lis-socjeta’ Yuryev Shipping Limited u li thalla barra mill-istess skema ta’ distribuzzjoni jigi assenjat f’ishma ugwali lis-socjetajiet azzjonisti ta’ l-istess socjeta’ Yuryev Shipping Limited u cioe’ lis-socjeta’ estera Intrigue Shipping Inc u s-socjeta’ estera Novoship SA; u todna li l-istralcarju tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited (l-intimat Keith Micallef) ihejji skema ta’ distribuzzjoni irrettifikata skond id-domanda precedenti u jiehu dawk il-passi kollha opportuni u necessarji f’dan ir-rigward; tawtorizza li tigi approvata rezoluzzjoni gdida tal-azzjonisti tas-socjeta’ Yuryev Shipping Limited fejn tigi approvata skema ta’ distribuzzjoni rettifikata skond id-domanda precedenti u jigi assenjat l-imsemmi dritt litiguz lill-istess azzjonisti rikorrenti; tordna li l-istess stracarju Keith Micallef jipprezenta lill-Registratur tas-Socjetajiet l-iskema ta’ distribuzzjoni kif rettifikata flimkien mar-rizoluzzjoni imsemmija fid-domanda precedenti u tordna li l-intimat Registratur tas-Socjetajiet jaccetta l-iskema ta’ distribuzzjoni kif rettifikata flimkien mar-rizoluzzjoni imsemmija fid-domanda precedenti u tawtorizza lill-istess Registratur tas-Socjetajiet li f’dan ir-rigward jiehu kwalunkwe pass mehtieg skond il-ligi;

Tordna li dan kollu jitwettaq fi zmien tlett (3) xhur millum u malli jghaddi dan it-terminu, fi kwalunkwe kaz, is-socjeta in kwestjoni ghandha tigi kunsidrata bhala kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet;

Spejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------